MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 579/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**VS**
**HAN LIN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Han Lin ta' 31 sena, bint Guo You Lin u Han Li, mwielda fic- Cina fit- 23 ta' Lulju 1981, residenti El Shaddai Flat 7, Triq Milend, Hamrun detentrici tal- Karta tal- Identita' bin-numru 31973A;

Talli fit- 2 ta' Mejju 2012 ghal habta tad- 9.00pm, u hinijiet qabel waqt li kienet fi Triq Dejma Hal- Tarxien u f' postijiet ohra f' dawn il- Gzejjer;

1) volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe'

ghamel hsara fuq mutur tal- elettriku ta’ bieb u/jew oggetti ohra liema hsara ma tiskorrix €1164.69 imma izjed minn €116.47 ghad- detriment ta’ Maria Vassallo u/ jew persuni ohra;

2) ukoll talli fl- sitess data, lok, hin u cirkostanzi b’ xi mod iehor mhux imsemmi fil- Kodici Kriminali, kisret volontarjament il- bon ordni jew il- kwiet pubbliku;

3) ukoll talli fl- istess cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla BMW numru tar- registrazzjoni LIN 188 b’ manjiera negligenti;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi l-ammont ta’ hsara gie mhallas mill-imputata ghas-saldu;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Torbot lill- imputata b’ garanzija taghha nfisha ghal zmien sena, favur Anthony u Maria Vassallo u l- familjari

taghhom taht penali ta’ elf ewro (€1,000) ai terminu tal-Artikolu 383 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------